Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 275 :: APRIL, 2019

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

*Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*

*l-Għid it-Tajjeb*



## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **26 t'April, 2019,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## IL-LAQGĦA TA' MARZU



Il-laqgħa ta' Marzu tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, inżammet nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, fil-Librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Għal din il-laqgħa kien hemm numru sabiħ ta' membri.

Fost dawk preżenti kien hemm mistieden speċjali, il-Konslu Ġenerali tar-Repubblika ta' Malta fil-Victoria, is-Sur Mario Farrugia Borg, flimkien ma' żewġt itfal tiegħu, Adam li għandu 11-il sena u Mariam li għandha 9 snin.



Adam

Is-Sur Farrugia Borg ħa gost ħafna li attenda u nfatti sar membru tal-Grupp tagħna. Huwa qalilna li studja l-Malti fil-karriera skolastika tiegħu, saħansitra ħadu bħala suġġett fl-Università

Huwa qalilna wkoll li huwa ħabib ta' ħafna awturi u poeti f'Malta. Is-Sur Farrugia Borg qal li fi ħsiebu jattendi l-laqgħat tagħna meta jkun jista'.

Adam u Mariam jitkellmu tajjeb ħafna bil-Malti u qalu li huma kuntenti fl-iskola li qed jattendu f'Melbourne.

Adam ġab tliet poeżija miegħu u qasamhom magħna. "Melita Invicta" ta' Ġużè Chetcuti, "Żagħżagħ Dejjem" ta' Dun Karm u "Il-Kebbies tal-Fanali" ta' Anton Buttigieg.

# F’GĦELUQ IL-50 SENA MILL-EWWEL PUBBLIKAZZJONI TIEGĦU



Nhar l-1 t’April, fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Poeżijaplus, l-Akkademja tal-Malti u Klabb Kotba Maltin, organizzaw lejla f’ġieħ l-awtur Charles Casha, fl-okkażjoni ta’ għeluq il-50 anniversarju mill-ewwel pubblikazzjoni tiegħu. Matul is-serata nqraw siltiet mill-kotba tiegħu u sar diskors qasir mill-poeta Victor Fenech dwar l-awtur.

Il-qarrejja li ħadu sehem kienu Rita Saliba, Javier Degiorgio, Dr George Farrugia, Maria Camilleri u l-awtur innifsu li qabel kien intervistat minn Sergio Grech.

Matul is-serata tqassmu kopji tal-ktieb kommemorattiv li jfakkar il-50 anniversarju ta’ ħidma letterarja ta’ Charles. Is-serata saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u għaliha attenda numru sabiħ ta’ nies.

Il-parti mużikali tas-serata kienet f’idejn Vince Fabri li kanta xi wħud mill-kompożizzjonijiet tiegħu.

*Sergio Grech, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi 08.04.2019*

## *Mill-Akkademja tal-Malti…*

Tul dawn il-ġimgħat, il-President ta’ Malta Marie-Louise Coleiro Preca sejħet diversi laqgħat mal-President Nominat, Dr George Vella, biex il-legat tax-xogħol li sar fi ħdan l-Uffiċċju tal-President issa jgħaddi taħt il-kustodju tiegħu.

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2019, fil-Palazz ta’ Sant'Anton, il-President Coleiro Preca għaddiet fost oħrajn il-katalgu tal-kotba li jinsabu fil-Librerija Anton Buttigieg, li tinsab fil-Palazz ta’ Sant'Anton, u li twaqqfet bl-inizjattiva tagħha bħala parti mill-proġett ta’ restawr estensiv li sar fl-istess palazz. Dan kien mgħoddi mir-rappreżentanti tal-Malta Libraries u tal-Akkademja tal-Malti, li kienu ġew appuntati mill-President Coleiro Preca bħala l-kustodji ta’ din il-Librerija.

### *Mill-ġdid għall-bejgħ . . .*

## Qiegħda fil-Ponta ta’ Lsieni - l-ewwel ktieb

Author: Ġużi Gatt. Category: Noti u Studji Dwar il-Malti u l-Letteratura, Dictionaries

ISBN No: 99932-7-051-2. Format: Paperback

No. of Pages: 288. Year: 2019. Price: €15.00

Terminoloġija utli għall-użu ta’ kuljum. Dan il-ktieb, miżgħud bi kliem dwar l-ambjent, bħall-art u l-baħar, it-temp, iż-żargħa u t-trobbija tal-annimali, dwar snajja’ bħal dik tal-bini u tat-tħaddim tal-fuħħar, kif ukoll dawk dwar il-ġisem, għandu jgħin lil kulmin iħaddem il-Malti b’ħila.

## *Jikteb Patrick J. Sammut*

VOICES FROM THE MEDITERRANEAN AND BEYOND, ed. Patrick Sammut, 2019. Jiġbor fih 24 intervista ma' poeti minn pajjiżi differenti, inkluża Malta. Il-poeti u kittieba Maltin huma Maria Grech Ganado, Therese Pace, Alfred Palma, John P. Portelli, Marlene Saliba, u l-artist Hilary Spiteri.

Jinsab għall-bejgħ mill-Fiera tal-Ktieb tal-Kampus, Università ta' Malta.




**NAFU LI HU FTIT KMIENI... IMMA TAJJEB LI TIBDEW TAĦSBU GĦALL-MATERJAL GĦALL-PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU TA’ DIN IS-SENA.**

**IL-MATERJAL IRID IKUN GĦANDI SA ĠUNJU**

***Materjal jista’ jintbagħat lil Paul Vella fuq:***

**paul.vella44@gmail.com**

State Government Victoria

Department of Premier and Cabinet

OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

# ĦOLQA: Festival Internazzjonali tal-Arti għaż-Żgħażagħ



Ħolqa stabilixxa lilu nnifsu bħala appuntament regolari fil-kalendarju kulturali Malti. Filwaqt li fis-snin li għaddew kien magħruf l-iktar għat-teatru, dan il-festival annwali għaż-żgħażagħ organizzat mill-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela (Junior College) infirex f'diversi sferi tal-arti viżiva u performattiva u għalhekk ħa l-isem Festival Internazzjonali tal-Arti għaż-Żgħażagħ. Il-festival ittella' bejn il-25 u d-29 ta' Marzu 2019 fi mkejjen diversi ġewwa l-Junior College. Il-ftuħ tal-festival sar nhar il-25 ta' Marzu fis-2pm ġewwa l-awditorju tal-Junior College. Nhar il-Ħamis 28 ta' Marzu fit-8pm ġie organizzat palk ħieles bi sħab ma' Inizjamed miftuħ għal kulħadd ġewwa Venue18 (Junior College).

F'din is-sitt edizzjoni tiegħu, il-festival offra opportunitajiet varji liż-żgħażagħ li jaħdmu fil-qasam tal-arti viżiva u fix-xena tal-arti performattiva biex jesebixxu t-talenti tagħhom u jiskambjaw diversi esperjenzi ma' żgħażagħ minn pajjiżi differenti. It-tema ta' din is-sena hija abbiltajiet varji (diversibility) u permezz tagħha qed inlaqqgħu flimkien għadd ta' studenti u skejjel lokali ma' dawk barranin kif ukoll klijenti b'abbiltajiet varji biex jiddjalogaw flimkien permezz tal-arti.

Flimkien ma' għadd ta' wirjiet minn parteċipanti barranin mill-Irlanda, mill-Belġju, minn Spanja, milll-Italja, mill-Bulgarija, u minn Franza, il-programm se jesebixxi wkoll it-talent tal-Orkestra, il-band, il-grupp taż-żfin, il-grupp tal-arti viżiva u Teatru Kulleġġ mill-Junior College. L-għanijiet li nippromwovu t-talent lokali taż-żgħażagħ u li naħdmu b'abbiltajiet diversi jkomplu jintleħqu bis-sehem tal-MCAST, Sir Michelangelo Sixth Form f'Għawdex kif ukoll Spero, Aġenzija Sapport, Opening Doors u Maria Gauci. Matul il-ġimgħa ta' attivitajiet, dawk li jattendu l-festival se jkollhom l-opportunità li jesperjenzaw diversi stili teatrali, kunċerti mużikali, wirjiet taż-żfin, esebizzjonijiet tal-arti viżiva, dokumentarji, diskussjonijiet strutturati, intervisti u workshops.

Din is-sena Ħolqa ħadem mill-qrib ma' Opening Doors sabiex iwassal festival li jiċċelebra abbiltajiet varji fid-diversità kollha tagħhom. Ħolqa jixtieq jirrangrazzja wkoll lil Aldo Cauchi Savona, Sandra Mifsud, Mary-Ann Cauchi u Arts Council Malta, Alka Ceramics u Inizjamed. Dan il-festival ittella' bis-saħħa tal-Premju tal-President għall-Kreattività, Buzzer Stationers u HSBC.

Kull min hu interessat jikseb aktar informazzjoni huwa mħeġġeġ jara l-paġna tal-proġett fuq is-sit soċjali Facebook (facebook.com/holqafestival) jew iċempel fuq 2590 7202.

**PROFIL TAL-ORGANIZZATURI**

**Ġ.F. Abela Junior College**

Il-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela ġie mwaqqaf fl-1995 u jifforma parti mill-Università ta' Malta. Il-Kulleġġ joffri kors fuq sentejn sabiex jipprepara studenti li jixtiequ jsegwu xi kors universitarju u jilqa' fi ħdanu madwar 2,000 student. Kull min huwa kkwalifikat jista' jattendi il-Kulleġġ, iżda il-maġġorparti ta' l-istudenti jaqaw bejn is-sittax u d-dsatax-il sena minn kull qasam tas-soċjetà Maltija. Matul is-sentejn kors, kull student jistudja żewġ suġġetti fuq livell avvanzat u erbgħa oħra fuq livell intermedju. Dawn is-suġġetti jistgħu jintgħażlu minn erba' oqsma prinċipali.

Il-Kulleġġ jieħu ħsieb li jiffori żvilupp sħiħ tal-persuna. L-għan prinċipali huwa li jgħin l-istudenti sabiex jiżviluppaw il-kapaċitajiet li jaħsbu, jagħżlu u li jesperimentaw ħalli jkunu jistgħu jipparteċipaw aktar u jkunu kapaċi jagħtu kontribut siewi fis-soċjetà.

Din l-istituzzjoni hija ddedikata sabiex tipprovdi edukazzjoni sħiħa u żvilupp tal-karattru u l-personalità ta' l-istudenti fi ħdanha. Matul is-sena akkademika jiġu organizzati bosta attivitajiet bl-għan li jqanqlu interess fl-istudenti lejn id-drama, is-safar u skambji studenteski, mużika, sport, kultura u ġrajjiet kurrenti, fost oħrajn. Minbarra l-istrutturi edukattivi neċessarji, fil-Kulleġġ insibu ukoll bosta klabbs, strutturi sportivi, ċentru ta' fitness, kappella, librerija, ċentru tar-riżorsi, sala għal-logħob u canteen. L-istudenti tal-Kulleġġ jeleġġu kull sena membri tal-kunsill ta' l-istudenti u jgawdu minn bosta għaqdiet oħra li jaħdmu għas-servizz ta' l-istudenti.

# Jitħabbar ir-rebbieħ tal-Konkors Letterarju — Kitba għaż-Żgħażagħ 2018

Ir-rebbieħ tal-Konkors Letterarju – Kitba għaż-Żgħażagħ 2018 huwa Mark Calleja, bil-manuskritt Karma Red.

Il-Konkors Letterarju – Kitba għaż-Żgħażagħ huwa konkors annwali mwaqqaf mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Żgħażagħ bil-għan li jagħżel u jippremja rumanzi bil-Malti li jirnexxilhom jindirizzaw lill-adulti żgħażagħ u l-kwistjonijiet varji li dawn jiltaqgħu magħhom f'dan l-istadju partikolari tal-ħajja, mingħajr ma jadottaw pożizzjoni moraliġġanti jew didattika.

Iċ-ċerimonja saret l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, u fetħet il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, l-Università ta' Malta. Għall-għoti tal-premju kien hemm Isabelle Mallia, Uffiċjal tal-Ħidma għaż-Żgħażagħ mill-Aġenzija Żgħażagħ, il-Kap Eżekuttiv tal-KNK, Mark Camilleri u l-President tal-Għaqda tal-Malti - Università, Sephora Francalanza.

Tajjeb jingħad li b'kollox kien hemm erba' manuskritti sottomessi, u r-rebbieħ intgħażel minn bord indipendenti ta' aġġudikazzjoni.

Mark Calleja ngħata trofew u ċertifikat biex jikkommemora l-avveniment, u se jirċievi €1,000 bħala premju finanzjarju. Sussegwentement, se jiġi mitlub jiffirma kuntratt sabiex jingħata fondi għall-pubblikazzjoni tal-manuskritt ma' pubblikatur lokali.

# Wojtyla – l-Għajta t'Alla: Musical li ntlaqa' tajjeb!

Dan l-aħħar, is-sala teatrali tal-Oratorju Don Bosco kienet mimlija sew bin-nies biex jaraw l-istorja tal-Papa Qaddis mill-Polonja Gwanni Pawlu t-Tieni li kiteb l-awtur u Poeta Għawdxi Joe W. Psaila u mmużikata minn Antoine Mercieca. Kien dan il-Papa li ġibed tant nies għal warajh, li dar parti kbira tal-globu (tinsewx li rifes ukoll fuq il-gżira ċkejkna tagħna u qaddes quddiem is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu) biex jevanġelizza lill-popli ta' kull razza u twemmin, li trabba u kiber f'ċirkustanzi xejn sbieħ meta art twelidu kienet għaddejja minn tant tbatija u tiġrib u meta tilef lil missieru ta' età żgħira. B'danakollu dan il-bniedem baqa' jħares dejjem 'l quddiem u b'fiduċja sħiħa fil-Madonna ma qatax qalbu u baqa' tiela t-taraġ kollu sa fuq sakemm il-Kardinali miġbura f'Konklav tefgħuh fuq il-Katedra ta' Pietru minn fejn ħadem u stinka biex jara lil Kristu maħbub u rrispettat, tant li żagħżugħ Tork għodwa waħda sa pprova jneħħilu ħajtu b'balla ta' pistola fi Pjazza San Pietru fil-qalba ta' Ruma.

Dan kollu stajna narawh jinħatt quddiemna fuq il-palk tal-Oratorju Don Bosco fejn fl-imgħoddi tant rajna musicals, plays u drammi u mnejn ħarġu tant atturi li wħud minnhom għadhom magħna sal-lum. Joe Psaila għandu pinna tajba u mexxejja li issa ilha magħna għal żmien twil; matul iż-żmien tana għadd ta' kotba tal-poeżija u dawn l-aħħar snin libes ukoll iż-żarbun tad-drammaturgu. Niftakru għalliem tal-iSports mal-Gvern u l-ewwel direttur tal-Gozo Sports Complex apparti karigi oħra, imma milli jidher kellu wkoll imħabba speċjali lejn il-Malti u l-letteratura tagħna tant li mill-pinna tiegħu issa ħarġu diġà numru sabiħ ta' kontribuzzjonijiet varji bil-Malti u ta' livell. Għamel ukoll għadd ta' snin editur tar-Rivista Djoċesana Għawdxija 'Il-Ħajja f'Għawdex'. U allura kellu skript tajjeb li Antoine Mercieca bil-għaqal ħoloqlu ftit mużika sabiħa u talwidna.

Naturalment dan kollu ħareġ fuq il-palk minn kast numeruż li Salvu Cremona ħa ħsieb jagħġen u jsawwar u jħarreġ matul ix-xhur li għaddew biex stajna ngawdu spettaklu kkulurit ta' żfin, dwal u x'naf jien. Bla dubju l-istorja kollha ddur mal-persuna tal-Papa, parti li kienet fdata f'idejn l-attur bravu li milux wisq irritorna mir-Renju Unit fejn kompla jitħarreġ fl-arti tal-palk, Jamie Camilleri, li ħareġ bl-unuri kollha u kien konxju tal-parti matul iż-żewġ atti li sammru lil dawk preżenti fuq is-seats komdi tal-Oratorju Don Bosco, li qed jagħti bidu b'din il-biċċa xogħol teatrali għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' tifkira f'għeluq is-70 sena minn meta nfetaħ fi Pjazza Santu Wistin Victoria. "L-għajta t'Alla" nħadem ukoll biex ifakkar għeluq l-40 sena minn meta Karol Wojtyla kien sar Papa.

Ma' Jamie Camilleri (li jilgħab il-parti ta' Kristu) u sħabu terġgħu tiltaqgħu fl-ispettaklu tal-Passjoni 'L-Imsallab fi treqatna' li ta' kull sena jsir mat-toroq tal-Belt Victoria matul żmien ir-Randan. Titilfuhx! Intant 'Wojtyla - L-Għajta t'Alla', il-musical imtella' mill-Oratorju Don Bosco b'kolloborazzjonbi mal-Fondazzjoni Santa Ċeċilja nistgħu ngħidu li issa daħal fil-kullana ta' spettakli mużikali kbar ta' natura reliġjuża li l-Oratorju ppreżenta lill-pubbliku Għawdxi u Malti f'dawn l-aħħar erbgħa u tletin sena. Mhux ta' min ma jsellemx lil Fr Effie Masini (id-Direttur ta' din l-istituzzjoni ) li għal ħafna minn dawn is-snin kien il-mutur li tant ħabrek anke bil-pinna tiegħu biex il-palk tal-Oratorju jibqa' ħaj u jferraħ u jiddeverti lil dawk kollha li resqu lejh!

***Kav. Joe M Attard, Victoria Għawdex***

# Mill-ktieb 'Rikorrenza Eterna'

Għaliex il-ktieb għammidtu bl-isem ta' 'Rikorrenza Eterna'?
Min se jaqra dan il-ktieb filosofiku poetiku tiegħi se jintebaħ li l-isem fih ħafna konnotazzjonijiet. Hawnhekk se nagħti verżjoni waħda, dik mill-perspettiva ta' Friedrich Nietzsche.
Hawn taħt se ssibu poeżija mill-ktieb tiegħi intitolata 'Rikorrenza Eterna'. Imbagħad x'qal Nietzsche dwar dan mill-ktieb tiegħu 'The Gay Science'.

## RIKORRENZA ETERNA

Ix-xitan persekutur
fil-mumenti tat-turmenti
bħal oratur elokwenti
jtarrafli fil-menti
li din il-ħajja li terraqt s'issa
fid-deżerti infernali
u f'konfini monumentali
bit-tribulazzjonijiet u l-pjaċiri
se jkolli nerġa' nġarrabha
għal għadd ta' drabi innumerabbli
mingħajr ebda xejn ġdid fiha
u kull uġigħ, ferħ, ħsieb,
sal-inqas ħaġa indeskrivibbli
bħal offerti jintradduli
bl-istess sekwenzi u sussegwimenti
bħall-mara safja-musfara
li mxiet max-xtajta
u ħallet xagħarha
u xtaqt nintreħa mmut fi ħdanha
qabel ma għebet għal kollox fix-xmara
jew meta waħħalt fis-smewwiet
il-qawsalel bl-isplenguni tat-tifkiriet
li jdewwu l-eħrex tbatijiet.
U l-leħen inkordjali
jkompli jirbombja fil-lobi frontali
li millennju wara millennju
l-arloġġ tar-ramel tal-eżistenza
jiddawwar bil-kontra.
U jistaqsini:
"F'linji vertikali
se twaqqa' l-imperi
li ċaħdu mħabbiet alterati
li bħal srieser ibbiesu
fl-iljieli żverġnati?
Jew se ssir bħal qasba flessibbli
li tilgħab il-logħba tal-irjieħ
u teqred l-għeruq tax-xewqat
li tnisslu maż-żmien
għal din il-konferma ta' bla tmiem?"

"The heaviest burden: "What, if some day or night, a demon were to steal after you into your loneliest loneliness and say to you: 'This life, as you now live it and have lived it, you will have to live once more and innumerable times more; and there will be nothing new in it, but every pain and every joy and every thought and sigh… must return to you—all in the same succession and sequence—even this spider and this moonlight between the trees and even this moment and I myself. The eternal hourglass of existence is turned over again and again—and you with it, speck of dust!' Would you not throw yourself down and gnash your teeth and curse the demon who spoke thus? Or have you once experienced a tremendous moment when you would have answered him: 'You are a god, and never have I heard anything more divine!' If this thought were to gain possession of you, it would change you as you are, or perhaps crush you. The question in each and every thing, "Do you want this once more and innumerable times more?" would lie upon your actions as the greatest weight. Or how well disposed would you have to become to yourself and to life to crave nothing more fervently than this ultimate eternal confirmation and seal?"

***(ikompli Paġna 5)***

## RIKORRENZA ETERNA

Poeżiji u esej filosofiku xjentifiku b'daħla ta' Charles Briffa
Produzzjoni tal-ktieb l-awtur – Ippubblikat Progress Press – Paġni 162
Min irid kopja jista' jikkuntattjani fuq l-email andrewsciberrasartist@gmail.com

...Il-lingwa ta' Sciberras turina l-istat ta' moħħu, imma minnufih nintebħu li biha hu jipprova jsib x'inhi l-idea ta' waqt il-lehma. Iħoss xi ħaġa – ikollu esperjenza mentali – u jfittex kif se jidentifikaha bil-kliem ħalli jagħrafha aħjar. L-esperjenza tidħol fil-perċezzjoni tiegħu. U l-valur tal-poeżija tiegħu jiġi mill-mod kif jimmaniġġja l-kliem u mill-mod kif jesplora r-realtà permezz tal-esplojtazzjoni ta' ċerti potenzjalitajiet tal-lingwa.

...Il-ħsibijiet poetiċi f'din il-ġabra huma relevanti u validi għall-eżistenza ta' dan il-poeta. Għax l-għan tal-ħsieb huwa qabel kollox l-eżistenza personali tal-ħassieb minħabba li moħħu jirrelata ma' kull realtà bħala possibilità. Andrew Sciberras l-aktar li għandu x'jaqsam huwa mar-realtà etika tiegħu nnifsu: bħala individwu jiġi iżolat u sfurzat jeżisti għalih innifsu. Dan ir-riżultat jevitah billi jdaħħal il-kultura kif semmejna. Ma nistax niddefinih (għax kif tiddefinixxi bniedem-poeta kumpless?), imma hu jista' jagħraf lilu nnifsu minn ġewwa. Il-kewn tiegħu huwa l-ewwel għan xieraq tal-ħsieb tiegħu li bih irid jiġġudika kull ħaġa oħra. U din il-ġabra hija r-realtà mentali tal-poeta li tkun ġiet minn xi possibilità maħsuba.
Charles Briffa

# IMUT GEORGE FALZON

George Falzon (1951-2019) twieled Birżebbuġa. Ħadem fil-qasam privat bħala għalliem u uffiċjal amministrattiv, kif ukoll għal bosta snin bħala uffiċjal tad-dwana. Koawtur tal-ktieb Ħoloq. Dawn iż-żewġ poeżiji ta' George Falzon jinsabu fl-Antoloġija Il-Poeżija Maltija – It-Tieni Volum (2019). Insellimlek ħabib.

## ĦAJR, MULEJ

Ilbieraħ
xħin f'dan il-wied ta' dmugħ
bkiet il-qanpiena
minn hemm fuq,
bqajt ma smajthiex.
Intilef leħinha
bid-diwi kollu tiegħu
f'dagħbien
ta' biki w ilfiq,
sensina mregħdin
f'urugan ta' verità
ċassa w kiesħa.
Għaliex?
Nerġa' nlissen:
Għaliex
meta f'talbna
bla waqfien
infittxu
ta' kuljum
minn dal-wied
il-qtugħ tax-xkiel?
Ħajr, Mulej,
ħajr f'isem oħtna
l'Int bil-wisq ħabbejt
u qabilna
talbitha b'ferħa lqajt.
Ħajr,
ħajr li ħarset għajnejK tal-ħniena
f'għajnejha sammart
biex magħha
tgħannaqt...
ilbieraħ.

## LAMA SABACHTHANI?

Mulej, fejn int?
Sejjaħtlek u fittixtek
meta kont waħdi niġġerra fix-xagħri.
Għajjattlek, Mulej,
imwerwer bil-biża'
għax ħassejtni mitluf
fil-mogħdijiet imħawda
ta' moħħi u qalbi.
Ħarist 'il fuq
u sejjaħtlek imbikki
biex tgħinni u triqti tqabbadli.
Jien kont għajjien, Mulej,
imbeżża' minn elf ħsieb ta' moħħi
u elf kruha u hena tal-qalb.
Ħassejtni waħdi,
mitluf, mitluq minn kulħadd.
Kien waqt ikreh...
siegħa ta' taħwid!
Ix-xita nieżla għamlitni għasra,
ir-ragħad u l-beraq madwari kexkxuni;
imbagħad f'daqqa
tisreġ ix-xemx biex tikwini.
Kont mitluf –
ma nafx x'naqbad nagħmel!
Kenn wieħed sibt
u meta taħtu stkennejt
u hu laqagħni
insejtu l-hemm kollu,
neħħejt il-biża'
u għext għal waqt bil-qalb.
Imm'għajr dan, xejn, Mulej!
Nerġa' nsib ruħi waħdi
niġġerra fix-xagħri
w issa agħar għax bkejtu dak il-kenn.
Mulej, għajjattlek u nfnejt insejjaħlek
u leħnek ma smajtux
u bżajt...
Stħajjiltni meqrud u spiċċajt
u fejn inmidd riġli
nagħraf ma stajtx.
Tħawwadt u bżajt...
Fejn kont inti, Mulej?
Għaliex ma weġibtx?
Għaliex ħallejtni waħdi
u t-triq ma wrejtnix
meta int stajt?!



GEORGE FALZON